**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Jannar 2025**

Rikors Numru: 417/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 255/2020)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-esponenti AB u C D E gja B izzewwgu fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bir-rit Civili gewwa l-Kazin Malti, gewwa l-Belt Valletta - kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A':

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is- separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan- Nutar Elaine Farrugia datat erbatax (14) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma twieldux tfal;
4. Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad fi klawzola numru erbgha (4) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');
5. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa minn Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l- Artiklu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;
6. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal- partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu - anness u mmarkat Dok. 'C';

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi tmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta’ Settembru, 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 2023.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.